MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 1252/1996/1

**Godfrey Aquilina, bhala Mandatarju tas-socjeta' estera "COMMENWEALTH u b'digriet tal-Qorti tal-4 ta' Marzu 1997 il-kelma COMMENWEALTH" giet sostitwita mill-kelma "COMMONWEALTH" EDUCATIONAL SOCIETY LTD" ta' Madrid, Spanja**

**Vs**

**Mary u Victor konjugi Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannti li jhallsu lill-istess attur nomine s-somma ta' mitejn u tmienja u sittin liri Maltin (Lm268.00) import tal-prezz ta' diversi kotba lill-konvenuti mibjugha u kkonsenjati mill-attur nomine skond l-Iskrittura tal-1 ta' Novembru 1996, (Dok A) kif ukoll l-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv; u dana prevja

dikjarazzjoni illi il-konvenuti iddekadew mill-beneficcju tal-mod u tat-terminu kif lill-konvenuti koncess mill-attur nomine fl-istess Skrittura, u dana senjatament sew minahbba l-ksur tal-obbligi kuntrattwali taghhom fir-rigward tal-konsenja tal-kotba li kellhom jigu minnhom accettati pero’ effettivament gew minnhom rifjutati meta l-attur nomine wasal sabiex jikkonsenjahomlhom fit-terminu previst fl-Iskrittura; kif ukoll minhabba l-inadempjenza da parti taghhom rigwardanti l-kondizzjoni tal-hlas tal-prezz tal-kotba kif indikat fl-istess Skrittura permezz ta’ pagamenti rateali mensili li, ai termini tal-Iskrittura, kellhom jibdew jigu mill-konvenuti effettewati lill-attur nomine b’effett mit-2 ta’Jannar 1996, bir-rata ta’ Lm10.72 kull wiehed, izda li baqghu ma sarux.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta’ Jannar, 1996, kif ukoll tac-Cedola ta’ Depositu prezentata mal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Kif ukoll id-dokument anness mal-istess avviz a fol 2 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 9 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuti ikkancellaw il-kuntratt fil-hin stipulat. Illi dawn il-fatti diga ngiebu a konjizzjoni tal-attur permezz ta’ittra uficjali tat-12 ta’ Jannar, 1996 u ta’ ittra ohra ta’ 1 ta’ Frar, 1996. Ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom inkluzi dawk tac-cedola ta’ depositu.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dan il-kaz hu regolat mill-Kapitolu 317 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll mill-ftehim bil-miktub maghmul bejn il-kontendenti u li jinsab anness mal-atti a fol 2.

Illi l-Att imsemmi, fl-artikolu 8, jirregola kancellament ta' ftehim bhal dak, in desamina, l'hekk imsejjah "doorstep contract" fis-sens li l-konsumatur ghandu dritt ta' kancellament, bil-metodi pjuttost ampji stipulati fl-istess artikolu, bil-kondizzjoni, pero' li dan jsir fi zmien hmistax-il jum mid-data tal-istess ftehim ossija skrittura privata. Dwar il-metodu ossija mod ta' kancellament, il-ligi tghid li dan jista' jsir, bi kwalunkwe mod, basta l-intenzjoni tal-konsumatur tinsab espressa u tingieb a konjizzjoni b'mod car lill-parti l-ohra.  Fil-kaz in desamina pero' il-modi ta' kancellament gew fl-imsemmija skrittura u bi qbil bejn il-partijiet aktarx ristretti.  Dan qed jinghad peress li gie mfitiehem li kancellament ghandu jsir skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 citat.  Pero' jidher li dan il-paragrafu gie ristrett b'dak li jinghad f'dak successiv fis-sens li kancellament jista' jsir ("can be made") permezz tal-konsenja, fi zmien hmistax-il jum, tad-dikjarazzjoni ta' kancellament annessa mal-istess ftehim jew "…. By hand" jew "by registered post" fl-indirizz ta' "…. The local representantive ossia "9A, Plough Street, Attard".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif jidher mix-xhieda tal-istess konvenuta fl-1 ta' Novembru 1995 il-partijiet involuti kienu ffirmaw l-imsemmi ftehim inrigward ix-xiri tal-kotba hemm spicifikati da parti tal-istess konvenuti. Pero, fil-15 ta' Novembru, il-konvenuti ddecidew li jikkancellaw l-istess ftehmu.  Ghalhekk, il-konvenuti, akkumpanjata minn ommha, Cathleen Pervis (fol 20 ibid) kienet marret fl-indirizz tal-attur nomine, kif imnizzel fl-stiess ftehim, u hawnhekk, mart l-attur nomine, <u>Antoinette Aquilina</u> (fol 34 u fol 35 ibid) kienet qaltilha "li mhix ser tacceta l-karta tal-kancellament u kelli nibghata, bil-posta, kif filfatt ghamlet "izda mhux registratata (ara fol 29 sa fol 32 ibid). Pero' madwar jumejn wara, l-attur nomine kien informaha "… li issa tard wisq ghax hu kien lahaq ordna l-kotba". Inoltre, meta kienet ser issir il-konsenja tal-istess kotba, ma kienetx accettathom.  In

rigward Antonia Aquilina meta din xehdet, hi qalet testwalment "Lill-konvenuti …. Jien qatt ma rajthom f'hajti" waqt li sostniet "Meta dawn in-nies jigu sabiex jikkancellaw, jien naccetta l-karti kollha ….". Pero, sussegwentement, hi taffiet, xi ftit, dak li kienet qalet fil-bidu tax-xhieda taghha billi xehdet "In rigward il-konvenuta ma niftakarx li giet id-dar sabiex tikkancella xi ordni.

Illi l-attur nomine (fol 22 et seq ibid) spjega li l-"cancellation form" kien irceviha bil-posta normali, fl-17 ta' Novembru 1995 ossija wara li skadew il-hmistax-il jum koncessi mil-ligi u mill-ftehim ghal kancellament ta' dan il-bejgh.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher li l-kontenzjuz, f'dan il-kaz, jirreferi ghal jekk il-konvenuti ssottometewx il-"cancellation form" "entro" l-perijodu ta' skadenza ta' hmistax-il jum u bil-modalitajiet stipulati kemm fil-ligi kemm fil-ftehim.

Illi, dwar l-ewwel punt imsemmi, il-Qorti hi konfrontata fuq naha wahda b'dak li xehdet l-istess konvenuta u ommha u fuq in-naha l-ohra dak li xehdet mart l-attur nomine. Hawnhekk, il-konvenuta da parti taghha, sostniet, b'mod kredibbli illi qabel ma skada l-imsemmi terminu anke bi ftit hi kienet marret ghand l-attur nomine sabiex tikkonsenja il-"cancellation form", kif akkumpanjata liema dokument kien gie rifjutat minn mart l-attur nomine. Dwar dan, il-Qorti nnotat li l-istess Antonia Aquilina, kif hawn fuq premess, ma kienetx xehdet b'mod konsistenti billi l-ewwel sostniet b'mod kategoriku li qatt ma rat f'hajjitha lill-konvenuti, presenti fl-Awla imbaghad pero' semmiet li ma kienitx tfakar jekk, fiffatt, kienetx rat mill-istess konvenuta. Dan fil-fehma tal-Qorti, jitfa' dell ikrah fuq il-kredibilta tax-xhieda moghtija minn mart l-attur nomine waqt li l-istes ma jistax jinghad fil-konfront tal-konvneuta. Ghalhekk l-istess Qorti hi konvinta, fuq basi ta' probabilta' li l-konvenuta, qabel ma skada t-terminu perentorju msemmi, ghamlet tentattiv sabiex tikkonsenja l-"cancellation form" , liema konsenja ma setghetx issir minhabba r-rifjut illegittimu da parti tal-istess Antonia Aquilina.

Illi dwar t-tieni punt, ossija l-mod uzat mill-konvenuti ghall-istess skop, kemm skond l-artikolu 8 citat kienu skond l-istess ftehim hemm stipulat li l-konsenja tal-imsemmi “cancellation form” setghet issir “by hand”  b’hekk, anke hemmhekk, il-konvenuti kienu konfermi, kemm mall-ligi kemm mal-istess ftehim.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti tixtieq issemmi li ma tqajjimx il-punt dwar jekk hemmx kompatibilta bejn dak li jinghad fl-istess ftehim in rigward kancellament ta’ ftehim bhal dak in desamina. Filfatt, l-ewwel jinghad li tali ftehim jista’ jigi kancellat skond dak specifikat, b’mod ampju, fl-artikolu 8 citat. Izda, sussegwentement, kif di gja inghad, dan gie ristrett, a favur tal-konsumatur, billi intqal li tali kancellament seta’ jsir, biss, “either by hand or by registered post”.  Dwar dan il-punt li kif di gja inghad ma giex mqajjem f’dawn il-proceduri jista’ jkun hemm involut wiehed ta’ “public policy” u b’hekk l-imsemmija restrizzjoni tista’ tkun invalida skond l-istess ligi.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi , il-Qorti filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha kontra l-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------